# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru 67**

**Cit. Nru. 149/98 PC**

**Lawrence Tabone f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer Joseph Tabone, Josephine mart Paul Baker li permezz ta' Nota tat-13 ta' Novembru, 1998, l-attur Lawrence Tabone assuma l-atti tal-kawza wkoll f'isem l-istess Josephine Baker billi din tghix fl-esteru; Margaret mart Saviour Buttigieg, Angela mart Joseph Buttigieg, u Rose mart Anthony Von Brockdorff**

**vs**

**Raymond Tabone**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fit-30 ta' April, 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha l-atturi talbu li l-konvenut jigi inibit mili jaghmel xogholijiet li bihom

jimpedixxi l-access taghhom ghal sqaq, ossia moghdija msemmija fl-att promutur.

"Il-Qorti,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha, l-atturi wara li ppremettew illi :

Illi bejn il-partijiet f'din il-kawza hemm kwistjoni pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet inversi [Citazz. Numru 36/98 (PC)], dwar lil min tappartjeni porzjon art maghrufa "Ta' Fonzu" sive "Tax-Xokku" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u tnejn u sebghin metri kwadri (172m.k.) u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ohra tal-attur Lawrence Tabone, nofsinhar ma' beni ta' Anthony Mifsud, u lvant ma' beni tal-eredi tal-familja Cauchi, liema ghalqa hija accessibbli minn sqaq komuni li jizbokka fi Triq Biccieri, Qala, u minn moghdija li hemm fil-proprjeta' tal-konvenut ;

Illi fil-mori tal-kawza fuq imsemmija l-konvenut ipprova jfixkel l-access tal-atturi mill-isqaq u l-moghdija ghal gol-ghalqa in kwistjoni billi minn informazzjoni li kienu rcevew l-atturi, il-konvenut wahhal jew kien ipprova jwahhal gate tal-hadid fit-tarf tal-isqaq u l-bidu tal-moghdija ;

Illi l-atturi biex iharsu l-jeddijiet taghhom htegilhom jistitwixxu mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex dan jigi mwaqqaf milli jwahhal jew jaghmel il-gate jew ix-xatba jew milli jaghmel opri kwalunkwe' fl-isqaq u/jew fil-moghdija, jew milli jfixkel jew jostakola bi kwalunkwe' mezz l-access inostruttiv tal-atturi li huma ghandhom mill-imsemmi sqaq u mill-moghdija li hemm fil-proprjeta' tal-konvenut, li minnhom l-atturi sallum igawdu u ghandhom dritt ta' access biex jidhlu fir-raba in kwistjoni, liema talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni giet milqugha u l-mandat gie mahrug kontra l-konvenut b'degriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 1998 (Mandat ta' Inibizzjoni numru 86/98);

Illi l-atturi qeghdin jipprocedu b'din ic-citazzjoni sabiex il-konvenut jigi ordnat jiddesisti definittivament milli jfixkel jew jostakola b'kull mod jew mezz kwalunkwe l-access tal-atturi mill-isqaq u l-moghdija, kif ukoll sabiex isostnu dan il-mandat ta' inibizzjoni .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tinibieh milli personalment jew permezz ta' terzi jwahhal gate jew xatba jew milli jaghmel opri ohra kwalunkwe fl-isqaq u/jew fil-moghdija li biha jew bihom jimpedixxi l-access inostruttiv tal-atturi biex jidhlu fil-ghalqa in

kwistjoni fuq imsemmija, jew milli jfixkel jew jostakola bi kwalsiasi mezz iehor l-access tal-atturi li huma ghandhom kemm mill-isqaq kif ukoll mill-moghdija imsemmija .

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut inkluzi tal-mandat ta' inibizzjoni numru 86/98 u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju, 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa debitament imharrek .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament guramentata .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi ;

1. Illi in linea preliminari din ic-citazzjoni hija irrita monka u nulla in kwantu fl-ewwel lok ma gietx prezentata u mahlufa minn xi wiehed mill-atturi cioe' Lawrence Tabone, Margaret mart Saviour Buttigieg, Angela Buttigieg jew Rose Von Brockdorff; fit-tieni lok ghaliex Lawrence Tabone iddikjara illi huwa qieghed jidher ghal ohtu msiefra Josephine Baker meta jirrizulta mic-citazzjoni nnifisha illi fil-mument tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni l-istess Josephine Baker kienet prezenti f'Malta ;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex moghti lil ebda persuna skond is-sistema guridiku ta' pajjizna illi jintavola citazzjoni fejn jitlob *sic et sempliciter* illi l-konvenut jigi inibit milli jaghmel xi att minghajr fl-istess waqt ma jgib il-quddiem il-pretensjoni jew dritt tieghu sabiex jzomm lill-konvenut milli jaghmel dak l-att . Dan ghaliex altrimenti ikun qieghed jinghata lok sabiex persuna tipperpetwa mandat ta' inibizzjoni minghajr ma ggib il-quddiem il-kawza in sostenn tal-pretensjoni tieghu kif dedotta fil-mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikoli 843, 844 u 875 tal-Kap. 12 ;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi fil-fatt ma ghandhom ebda dritt illi jzommu lill-esponenti milli jaghmel dawk l-opri illi jidhirlu huwa fil-moghdija de quo stante illi fuq l-istess moghdija huma ma ghandhom ebda dritt .

4. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu interament michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament mahlufa .

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Novembru 1998 fejn din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut .

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eccezzjoni .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza prezenti l-atturi qeghdin jitolbu l-konferma ta' dak li kienu ottjenew permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li kien inhareg fuq talba taghhom, billi fil-kawza prezenti regghu ghamlu l-istess talba identika li kienu ghamlu fir-rikors ghall-hrug tal-mandat relattiv .

Il-konvenut permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari tieghu li hija appuntu dik in ezami, qed jikkontendi illi tali talba wahedha mhix proponibbli fis-sistema guridika ta' pajjizna jekk ma jkunx hemm ukoll fic-citazjzoni talba li ggib 'l quddiem id-dritt jew pretensjoni li a bazi tieghu l-attur ikun jippretendi li l-kontroparti jigi mizmum milli jaghmel xi haga . Altrimenti jargumenta l-konvenut ikun qed jinghata lok sabiex wiehed jipperpetwa mandat ta' inibizzjoni minghajr ma jgib 'l quddiem il-kawza tal-pretensjoni tieghu' . Cioe' fi kliem iehor b'haga bhal din ma tkunx qed tinghata l-opportunita' li tigi ezaminata sewwa l-kwistjoni dwar jekk tassew kienx hemm bazi fuq x'hiex jinhareg il-mandat u jekk verament ir-rikorrent f'dak il-mandat kellux jeddijiet li kienu jimmeritaw li jigu salvagwardati .

In sostenn tas-sottomissjoni tieghu l-konvenut jiccita l-artikoli 843, 844 u 875 tal-Kap. 12 li jirregolaw din il-materja . Infatti l-art. 843(1) jistipula b'mod car illi "r-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinja ta' l-avviz ...." . Il-kwistjoni illi trid tigi ghal hekk solvuta f'din is-sentenza hija jekk it-talba prezenti ta' l-attur, kif dedotta, tistghax titqies bhala "kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat", kif stipulat fl-artikolu hawn citat .

Il-konvenut jikkwota in estenso minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza "Carmela sive Lina Aquilina vs. Francis X. Aquilina et. (citaz. Nru. 661/86) deciza fis-17 ta' Novembru 1991 fejn appuntu giet ittrattata eccezzjoni simili ghal dik prezenti imqajjma mill-konvenut . F'dik il-kawza l-attrici pprocediet b'mandat u inibiet lil zewgha milli jiddisponi minn xi azzjonijiet li kellu f'socjeta' kummercjali . Permezz ta' kawza li istitwiet in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni favur taghha, imbaghad regghet talbet semplicement il-konferma ta' dak li kienet talbet fil-mandat .

Fis-sentenza taghha l-Qorti ta' l-Appell qalet illi "c-citazzjoni ta' l-attrici ma tissodisfax il-vot ta' dan l-artiklu (b'referenza ghall-artikolu 843(i) ) ghaliex l-attrici m'ghamlitx il-kawza biex tirrealizza d-drittijiet taghha tas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, imma semplicement talbet il-konferma li hija ghandha 'id-dritt u interess li tikkawtela d-drittijet taghha', mentri l-attrici kellha titlob jew ix-xoljiment tal-komunjoni jew il-

likwidazzjoni ta' l-assi socjali ..... . L-attrici pprocediet b'mandat u inibiet lill-konvenut zewgha milli b'xi mod jiddisponi mill-azzjonijiet ... Dan huwa mandat kawtelatorju . Kull Mandat kawtelatorju, minn natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv - li (ukoll jismu mieghu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn aktar ta' kawtela ... Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti - kif timplika l-pretensjoni ta' l-attrici ."

U din l-ahhar sentenza mis-silta tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza citata, hija ferm importanti ghal soluzzjoni tal-kwistjoni presenti .

L-attur ukoll jiccita zewg sentenzi tal-Qrati taghna dwar din il-kwistjoni; wahda tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fl-1912 u ohra ferm aktar recenti tal-1990, fejn jidher illi t-talba ta' l-attur ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni rnexxiet . Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, fiz-zewg okkazjonijiet il-Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha, b'xi mod jew iehor dahlet ukoll biex tezamina l-jedd pretiz ta' l-attur li fuqu kien qed jibbaza t-talba tieghu .

Fil-kaz prezenti l-atturi qeghdin jitolbu li l-inibizzjoni li ottjenew fuq ezami 'prima facie' tal-Qorti meta inhareg il-mandat relattiv, jigi ipperpetwat, minghajr pero' ma talbu wkoll illi din il-Qorti tezamina u tidddecidi dwar il-jeddijiet taghhom fuq l-isqaq u moghdija indikati fic-citazjoni . Huma jiddefendu l-ghemil taghhom billi jikkontendu illi kienu kostretti jitolbu l-hrug tal- mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut wara li dan ipprova jiehu l-ligi f'idejh u ttenta jghalqilhom il-passagg . Ghalhekk isostnu illi kien jispetta lill-konvenut illi jressaq 'l quddiem il-pretensjonijiet tieghu dwar dak il-passagg u mhux lilhom .

Fil-fehma tal-Qorti pero' dan ir-ragunar ta' l-atturi ma tantx jidher validu ghaliex, gialadarba huma kienu hassew il-htiega li jipprotegu il-pretensjonjiet taghhom permezz tal-procedura tal-mandat ta' inibizzjoni, imbaghad kienu obbligati bil-ligi illi jressqu l-kawza in sostenn ta' dawk il-pretensjonjiet . Ma kienx bizzejjed ghalihom ghal hekk illi jitolbu semplicement il-konferma tal-mandat, imma riedu jitolbu wkoll konferma tal-pretensjonjiet taghhom fuq l-isqaq u l-moghdija in kwistjoni, sabiex imbaghad il-Qorti, wara li tkun ezaminat il-provi li jitressqu dwar dawk il-pretensjonijiet, tkun f'posizzjoni tasal ghal-decizjoni dwar jekk verament l-atturi ghandhomx tali drittijiet u jimmeritawx allura l-akkoljiment tat-talba taghhom illi l-konvenut jigi mizmum milli jimblokka l-passagg in kwistjoni . Fuq kollox il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-atturi jippretendu illi hija tista' tilqa' t-talba prezenti taghhom meta ghad hemm il-possibilita' illi fil-kawza fl-ismijiet inversi imsemmija fic-citazzjoni, jkun hemm decizjoni sfavorevoli ghalihom, u allura l-inibizzjoni ghal dejjem tal-konvenuti milli jaghlaq il-

passagg li jikkonduci ghall-ghalqa kontestata f'dik il-kawza ma tibqghax gustifikata .

Ghal dawn il-motivi tiddecii din il-kawza billi tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut, u filwaqt illi tiddikjara t-talba kif maghmula fic-citazzjoni prezenti inammissibli, tichad l-istess talba bl-ispejjez kontra l-atturi".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Fl-aggravju taghhom huma irribadew dak li ssottomettew quddiem l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-ostakolu procedurali sollevat fl-eccezzjoni avanzata mill-appellat dwar l-irritwalita' ta' l-azzjoni kif proposta. Huma jsostnu li kienet proceddurament koncepibbli u proponibbli kawza ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni minghajr ma jkun hemm fl-istess azzjoni dedotta l-pretensjoni tad-dritt li l-mandat innifsu kien mahsub biex jikkawtela. Huma jistriehu fuq l-insenjament tal-kawza deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 1912 (Vol. XXI, P. I, p.415), fl-ismijiet "Dottor Giuseppe Frendo Azzopardi noe vs. Paolo Agius", fejn gie ritenut illi

> "nel giudizio di inibizione, pero', diversamente dalle altre cause in cui l'attore avesse cautelato la sua pretensione, si puo' domandare la conferma della inibizione congiunta alla indicazione della causa della domanda".

Ezami attent ta' din is-sentenza pero', kellu jwassal ghal konkluzzjoni diversa minn dik li waslu ghaliha l-appellanti. Infatti fiha l-Qorti ghamlitha cara illi "la domanda per la conferma del mandato

accompagnato dalle esposizioni delle ragioni per cui si chiede tale conferma, importa la deduzione sudetta". Jigifieri d-deduzzjoni fil-gudizzju tad-dritt imsemmi fil-mandat. F'dik il-kawza il-Qorti effettivament indigat id-dritt pretiz mill-atturi "congiunto alla indicazione della causa nella domanda" ghax it-termini tac-citazzjoni kienu hekk jippermettu. Fil-kaz taht ezami pero' ma tirrizulta l-ebda indikazzjoni la fil-premessi tat-talbiet attrici u lanqas fit-talba nfisha li minnha tista' tigi dedotta il-pretensjoni ta' liema dritt ta lok ghall-hrug tal-mandat. Minn imkien fl-att tac-citazzjoni ma tirrizulta espressa l-bazi guridika li, skond l-atturi, tiggustifikalhom id-dritt ta' access ghar-raba imsemmi fl-att tac-citazzjoni, liema access kienu qeghdin jippretendu li qed jigi ingustament ostakolat mill-appellat.

Jekk kien hemm xi dubju dwar l-irritwalita' ta' azzjonijiet ta' din ix-xorta, meta proposti fit-termini limitati tal-prezenti istanza, dan giet ampjament carat f'gurisprudenza aktar ricenti in materja. Il-gurisprudenza citata fis-sentenza appellata hi pertinenti u din il-Qorti taqbel maghha. Izzid taghmel riferenza ghal sentenzi ohra fl-istess spirtu, inkluza dik moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Connie mart Anthony Galea et – vs – Joseph Gauci", deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 (Vol. LXXXI, P.II, p.719). F'dik il-kawza hekk gie deliberat:-

> "Il-mandat ta' inibizzjoni huwa wiehed mill-atti intizi biex jikkawtelaw dritt. Trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta bejn l-

> att kawtelatorju u d-dritt kawtelat. Fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (il-Kap 12) li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni, insibu l-art. 829 li jiddisponi li kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha b'xi wiehed jew izjed mill-mandati kawtelatorji imsemmijin fl-istess titolu VI tal-Kodici citat li jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabilita' taghha. L-art. 873 imbaghad, specificatament fuq il-mandat ta' l-inibizzjoni jiddisponi illi l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu biex izomm persuna milli taghmel xi haga, tkun li tkun, ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet ta' min ikun jitlob il-hrug tal-mandat u li, prima facie, jidher li ghandu dawk il-jeddijiet. Skond l-art. 843 (1), il-persuna li titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandha taghmel il-kawza <u>ghad-dritt imsemmi fil-mandat</u> u jekk tonqos li taghmel dan fit-terminu preskritt l-effett tal-mandat jispicca. Effettivament it-talba attrici, kieku kellha tigi milqugha, tkun tikkostitwixxi inibizzjoni permanenti jekk ma tigix dedotta l-pretensjoni kkawtelata bil-mandat".

Din il-Qorti ma ssib xejn fl-aggravju ta' l-appellanti li jissuggerilha li kellha tiddiskosta ruhha minn din il-gurisprudenza ormai pacifika.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm